# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tas-27 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 11 ta' Ġunju 2026 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Skużati** :

| | |
|---|---|
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**27.01 Talba**

27.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**27.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

27.02.01 Is-Sindku qalet li l-Kunsillier Galea infurmana li ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa minħabba impenji personali, filwaqt li l-Kunsillier Sciberras se jasal tard għal-laqgħa.

**27.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 26**

27.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 26 ġew approvati unanimament. Is-Sindku pproponiet u l-Kunsillier Ghigo ssekonda.

**27.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.04.01 Is-Sindku infurmat li reġgħu ġew installati t-*traffic lights* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, wara li dawn tneħħew wara li tqaċċtu f'inċident tat-traffiku. Hija spjegat li dan seħħ wara komunikazzjoni ma' Transport Malta u wara li tkellmet mal-Ministru responsabbli, Chris Bonett, li assiguraha li x-xogħol kellu jitlesta bejn il-ġurnata ta' qabel u llum. Is-Sindku esprimiet l-apprezzament tagħha għall-kollaborazzjoni u l-intervent li wasslu biex ix-xogħol sar fi żmien qasir. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

27.04.02 Is-Sindku infurmat li attendiet laqgħa organizzata mir-Reġjun Punent dwar in-nuqqas ta' ġbir tal-iskart li seħħ nhar is-Sibt li għadda. Għal din il-laqgħa attenda wkoll is-Sindku ta' Ħal Safi, peress li l-istess *sub-contractor* li jiġbor l-iskart f'Ħal Safi jkompli bis-servizz fl-Imqabba. Hija spjegat li, filwaqt li kienet qed tindirizza din il-kwistjoni, ma setgħetx tagħti rispons immedjat lill-Kunsillieri, apparti wkoll, in-numru kbir ta' telefonati u messaġġi li rċeviet mingħand ir-residenti. Hija żiedet li s-sitwazzjoni ġiet riżolta fl-istess jum u li sal-ħabta tat-3:00 p.m. l-iskart kien inġabar kollu mir-raħal.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


Ir-Reġjun Punent, bħala l-entità responsabbli mill-kuntratt tal-ġbir tal-iskart, ikkundanna dak li seħħ, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' attendenza għax-xogħol mir-*runners* tal-vettura tal-ġbir. Infurmat ukoll li l-każ ġie indirizzat internament u li, jekk jerġa' jseħħ, ser jiġu applikati l-penali previsti fil-kuntratt. Il-Kunsilleri preżenti ħadu nota ta' dan.

27.04.03 Is-Sindku infurmat li l-*accountant* il-ġdid mistenni jibgħat id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa lill-awdituri sal-aħħar ta' din il-ġimgħa, filwaqt li x-xogħol fuq l-*Audit* huwa skedat li jibda mill-1 ta' Lulju 2026. Hija spjegat li, wara li l-kumpanija *Corporate Assurance* waqfet tipprovdi s-servizzi tagħha lill-Kunsill, l-*accountant* il-ġdid kellu jagħlaq l-aħħar sitt xhur tas-sena finanzjarja filwaqt li jivverifika l-ħidma preċedenti. Hija żiedet li, minkejja li kien meħtieġ li l-*accounts* ikunu magħluqa u awditjati sal-aħħar ta' Ġunju 2026, dan mhux se jkun possibbli minħabba ċ-ċirkostanzi. Is-Sindku qalet li l-awdituri infurmaw lin-*NAO* bis-sitwazzjoni u li d-Direttur Ġenerali preċedenti, is-Sur Emil Vassallo, illum *Permanent Secretary*, huwa wkoll konxju tal-każ u kien irrakkomanda lill-Kunsill il-kumpanija li magħha huwa ingaġġat l-*accountant* il-ġdid. Fl-aħħar, hija esprimiet it-tħassib tagħha li l-Kunsill jista' jidher fil-lista tal-kunsilli li ma ssottomettewx l-*accounts* fil-perjodu stipulat u li, jekk ikun il-każ, jittieħed il-parir meħtieġ dwar kif għandu jipproċedi l-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

27.04.04 Is-Sindku infurmat li *Infrastructure Malta* bdiet xogħlijiet ta' *coring* fi Triq il-Parroċċa, faċċata ta' Sqaq Buhar, sabiex jinbnew *pillars* minħabba r-riskju li ċċedi t-triq. Hija rrimarkat li, għalkemm il-Kunsill kien irċieva l-permess *RWP*, dan ma kienx jindika d-data eżatta tal-bidu tax-xogħlijiet jew id-dettalji tagħhom. Minkejja li l-Kunsill talab aktar informazzjoni, ma waslet l-ebda risposta. Malli bdew ix-xogħlijiet, is-Sindku għamlet kuntatt mal-assistenta tas-*CEO* ta' *Infrastructure Malta* u mal-uffiċjal responsabbli mill-koordinazzjoni tax-xogħlijiet, u dawn ġew sospiżi immedjatament minħabba l-għeluq tat-toroq u d-devjazzjonijiet relatati mal-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Hija infurmat li x-xogħlijiet ser jerġgħu jibdew wara tmiem il-festa u wara li tispiċċa l-iskola. Is-Sindku talbet ukoll lil *Infrastructure Malta* sabiex, matul il-perjodu tax-xogħlijiet, jiġu assenjati uffiċjali tat-traffiku biex jimmaniġġjaw it-traffiku. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

27.04.05 Is-Sindku infurmat tkellmet dwar l-iffirmar tal-*MoU* bejn id-Dipartiment tal-Artijiet, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba u ż-żewġ Għaqdiet Mużikali tal-lokal, dwar l-art fi Triq Ġorġ Martin kantuniera ma' Triq il-Ħajt tal-Matla. Hija rringrazzjat lill-Gvern, b'mod partikolari lill-Ministru Owen Bonnici, għal din id-devoluzzjoni. Żiedet li, kif spjega s-*CEO* tad-Dipartiment tal-Artijiet, il-valur stmat tal-art huwa ta' madwar €12-il miljun, fejn parti minnha ġiet devoluta lill-Kunsill u parti oħra ngħatat liż-żewġ Għaqdiet Mużikali għall-bini ta' maħżen għall-armar ta' kull waħda minnhom. Is-Sindku spjegat li l-intenzjoni tal-Kunsill hija li l-parti devoluta lilu tintuża għall-iżvilupp ta' parkeġġ pubbliku. Hija qalet li, għalkemm il-proġett jeħtieġ li jgħaddi mill-proċeduri meħtieġa qabel ikun jista' jitwettaq, id-devoluzzjoni tal-art tirrappreżenta pass importanti lejn it-twettiq tiegħu. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

27.04.06 Is-Sindku infurmat li, skont l-informazzjoni mogħtija lilha mid-Direttur responsabbli, il-Perit Nadia Curmi, it-*tenders* relatati maċ-Ċentru Ċiviku fi Triq Karmenu Ciantar u mal-Ġnien ta' fuq il-Ġibjun fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, ġew ippubblikati. Żiedet li wieħed mit-*tenders* diġà ġie aġġudikat u bħalissa jinsab fil-perjodu tal-appell. Is-Sindku talbet lill-Perit Nadia sabiex iżżomm lill-Kunsill infurmat dwar kwalunkwe żvilupp, filwaqt li din ikkonfermat li ser tipprovdi aktar informazzjoni fil-jiem li ġejjin. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

27.04.07 Is-Sindku infurmat li, wara komunikazzjoni ma' *Projects Green* dwar il-proġett ta' Ġnien Onġi Onġella f'Misraħ il-Fidwa, ġiet infurmata li matul il-ġimgħa d-dieħla se jibdew it-testijiet meħtieġa relatati

mal-bir previst fil-ġnien, sabiex ikun jista' jitħejja t-*tender*. Żiedet tgħid li, hekk kif jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa, it-*tender* ikun jista' jiġi ppubblikat. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

27.04.08 Is-Sindku infurmat li, kif inhu magħruf, il-Kappillan tal-Parroċċa, Fr Blake, ser itemm il-ħidma pastorali tiegħu fl-Imqabba fi tmiem Awwissu 2026, filwaqt li tat merħba lill-Kappillan il-ġdid, Fr Martin. Hija semmiet ir-relazzjoni tajba ta' ħidma li kien hemm bejn il-Kunsill u Fr Blake u pproponiet li, f'isem il-Kunsill, tiġi organizzata laqgħa miegħu matul ix-xahar ta' Lulju sabiex jiġi rringrazzjat tas-servizz u l-ħidma pastorali tiegħu fil-lokalità. Ġie maqbul li jiġu proposti d-dati tas-6 jew tat-13 ta' Lulju, wara l-5.00 p.m., skont id-disponibbiltà ta' Fr Blake. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma' din il-proposta u ħadu nota tagħha.

27.04.09 Rigward l-iskema SPI.SCI.04.2026 – Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri, li għaliha l-Kunsill kien diġà qabel unanimament li tiġi sottomessa applikazzjoni għall-fondi, is-Sindku pproponiet li l-applikazzjoni tkun għal proġett biex jissaħħaħ u jiġi mħares l-investiment li sar fil-binja storika "L-Isptar il-Qadim", permezz ta' xogħlijiet infrastrutturali, ambjentali u ta' sigurtà meħtieġa għaż-żamma tagħha. Il-Kunsillieri qablu unanimament mal-proposta.

Rigward l-iskema SPI.SCI.05.2026 – Komunitajiet Aktar B'Saħħithom u ta' Kwalità, li għaliha l-Kunsill ukoll kien diġà qabel unanimament li tiġi sottomessa applikazzjoni għall-fondi, is-Sindku pproponiet li l-applikazzjoni tkun għal proġett biex il-binja storika "L-Isptar il-Qadim" tiġi mgħammra b'dak kollu meħtieġ sabiex il-Kunsill Lokali tal-Imqabba jkun jista' jibda jopera minnha. Il-Kunsillieri preżenti qablu wkoll ma' din il-proposta.

Ġie approvat ukoll li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba jagħmel tajjeb għal kwalunkwe spejjeż relatati ma' dawn il-proġetti li ma jkunux koperti mill-iskemi rispettivi

27.04.10 Is-Sindku infurmat li nhar il-31 ta' Lulju 2026 ser tiġi organizzata l-ħarġa *"Gozo by Night"*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**27.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

27.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa dwar is-*service house connection* fi Triq tas-Sejba, li jeħtieġ manutenzjoni. Is-S.E. infurmat li l-każ ġie rrappurtat lill-*Water Services Corporation* u li s'issa għadu ma wasal l-ebda rispons. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota ta' dan.

27.05.02 Il-Viċi Sindku rrefera għat-tarġa li tinħtieġ issir fis-*central strip* biswit *bus stop* fi Triq il-Konvoj, peress li s-sit huwa perikoluż. Is-S.E. spjegat li l-każ kien diġà ġie rrappurtat lis-Sur Paul Mamo mill-*Public Works* u ntbagħtitlu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa sabiex isiru x-xogħlijiet. Żiedet li saret *site visit* qabel l-elezzjoni, iżda sal-lum ix-xogħol għadu ma twettaqx. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

27.05.03 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-*water leak* fil-funtana tal-Ġnien Mikelanġ. Is-S.E. spjegat li, sabiex jiġi identifikat il-post eżatt tal-*leak*, il-ġiebja mtliet permezz ta' *water bowser* biex il-funtana setgħet titħaddem waqt l-ispezzjoni. Mill-verifika li saret irriżulta li l-*leak* tinsab bejn il-monument ta' Mikelanġ u l-funtana. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jinġiebu stimi mingħand *turnkey contractors* għax-xogħlijiet kollha meħtieġa, inkluż għat-tħaffir ta' madwar metru kwadru jew aktar, skont il-bżonn, għall-bidla tal-*connection* kemm bis-sistema *Acorn* kif ukoll bis-sistema *PPR*, kif ukoll għall-pavimentar mill-ġdid tal-parti li ser titħaffer bi *stencilled concrete*. Ġie maqbul ukoll li, wara t-

tlestija tax-xogħlijiet, l-art kollha tal-ġnien tinżebagħ sabiex il-kulur tal-wiċċ jibqa' uniformi. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma' dan il-mod ta' kif il-Kunsill għandu jipproċedi.

27.05.04 Il-Viċi Sindku staqsa jekk, issa li *IM* lestiet it-tarmak fi Triq il-Franka, jistgħux isiru r-*road markings*. Is-Sindku infurmat li diġà tkellmet dwar dan mal-Perit ta' *IM*, peress li r-*road markings* jiffurmaw parti mill-proġett u għaldaqstant għandhom isiru mill-istess entità. Żiedet li l-istess japplika għal Triq Mons. Alfons Caruana, fejn ir-*road markings* għadhom ma sarux. Il-Perit ikkonfermat li ser tivverifika mal-kuntrattur, peress li dawn kellhom isiru. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**27.06 Festa Madonna tal-Ġilju 2026**

27.06 Is-Sindku tat aġġornament dwar il-preparamenti għall-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Ġie kkonfermat li l-arranġamenti relatati mat-tindif tat-toroq u t-tqegħid tal-*litter bins* tul Triq il-Konvoj ġew indirizzati skont il-programm mgħoddi mill-Kunsill. Rigward l-armar tal-*bypass*, intqal li kien hemm xi kwistjonijiet relatati mad-*DPN* u n-*No Objection* ta' TM, li qed jiġu indirizzati mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Dwar it-talba lil *TM* sabiex Triq Valletta tkun temporanjament *two-way*, għadu ma wasal ebda rispons u s-Sindku talbet li tintbagħat tfakkira lil *TM*.

Is-S.E. infurmat li, wara diskussjonijiet bejn is-Soċjetà u l-LESA, it-*traffic diversions* ser jibqgħu kif saru s-sena l-oħra, bl-eċċezzjoni li nhar is-Sibt matul il-ġurnata, Pjazza Ġublew tad-Djamanti, kantuniera ma' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, ser tingħalaq b'*traffic barriers* u ser ikun hemm il-preżenza tal-uffiċjali tal-LESA matul il-jum, sabiex it-traffiku jiġi devjat lejn il-Katakombi *via* Triq Ħal Kirkop jew Triq iż-Żurrieq. Is-S.E. infurmat ukoll li l-permessi tal-kabbani kollha nħarġu, filwaqt li fadal biss li jitpenġew in-numri tal-*bays* fit-triq. Il-ħaddiema tal-Kunsill ser jieħdu ħsieb ukoll it-tqegħid tad-*diversion signs* u tan-*No Parking signs* fit-toroq ta' wara l-ġibjun.

Fir-rigward tal-*mobile toilets*, ġie kkonfermat li ma hemm l-ebda diffikultà dwar dawk fi Triq il-Barrieri, filwaqt li dawk fi Triq Xandru Farrugia jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fil-post tas-soltu minkejja l-bini l-ġdid li tela', sakemm ma jkunx hemm vetturi pparkjati faċċata tagħhom. Ġie kkonfermat ukoll li l-latrina pubblika ser tkun qed tinfetaħ skont il-ħinijiet miftiehma mas-Soċjetà, skont il-programm tal-festa.

Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan kollu.

**27.07 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

27.07.01 Is-Sindku talbet lis-S.E. taqra l-korrispondenza riċevuta mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni PA 00208/25, relatata mal-proposta għall-kostruzzjoni ta' mħażen *(Class 6A),* parkeġġ fi *ground floor level* u *obstacle race course (Class 3C)* fis-sit Quarry 46, Sqaq il-Mudurbù, l-Imqabba. Wara diskussjoni, il-Kunsillieri qablu li ma joġġezzjonax għall-imsemmija applikazzjoni.

27.07.02 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar imtella' fuq l-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, u ppreżentati mis-S.E., il-Kunsillieri qablu li ma jressqu l-ebda oġġezzjoni, ħlief fir-rigward tal-applikazzjoni PA/00363/24 – *Application for the Sanctioning of Quarry Works, Formation of an Underground Link and Refilling of the Ex-Quarry at Tax-Xagħri l-Imqalleb, Mqabba.* Il-Kunsillieri qablu li bħala Kunsill titressaq oġġezzjoni għall-iżvilupp propost minħabba l-

emissjonijiet tat-trab li mistennija jiġu ġġenerati mill-attivitajiet proposti, li jistgħu jħallu impatt negattiv fuq is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti tal-Imqabba.

**27.08 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

27.08.01 Korrispondenza minn Transport Malta dwar il-marki tat-traffiku fi Triq il-Friefet ġiet ikkunsidrata. Il-Kunsill qabel li jintalab lil TM tneħħi t-tielet *parking bay* qabel il-kantuniera, faċċata tal-garaxx, kif ukoll tintalab kjarifika dwar jekk humiex ser jiġu introdotti linji sofor man-naħa tar-residenzi fi Triq il-Friefet.

27.08.02 Korrispondenza mingħand is-Sinjura Claudia Sammut Zammit, *Mqabba Branch Librarian*, li permezz tagħha offriet id-disponibbiltà tagħha biex tiftaħ il-Librerija Pubblika tal-Imqabba f'okkażjonijiet addizzjonali matul il-perjodu tas-sajf, ġiet diskussa mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li l-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija għandhom jibqgħu kif inhuma. Ġie deċiż li tintbagħtilha risposta sabiex tiġi rringrazzjata tal-offerta tagħha u, fl-istess ħin, jiġi vverifikat jekk tistax tiftaħ il-librerija minflok il-librara l-oħra nhar is-7 ta' Lulju 2026.

27.08.03 Korrispondenza dwar stima mingħand *ALMAT* għall-*patching* ta' diversi toroq fil-lokalità ġiet ippreżentata lill-Kunsill. Ġie nnutat li l-istima ma tinkludix il-qisien u l-*area* eżatta tax-xogħlijiet meħtieġa fi Triq is-Sejba k.m. Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq l-Imterrqa u l-pjazzetta ta' quddiem iċ-Ċimiterju. Is-Sindku talbet lis-S.E. sabiex tikseb stima oħra mingħand kuntrattur ieħor li għadditlha d-dettalji tiegħu, kif ukoll sabiex tintalab reviżjoni tal-istima ta' *ALMAT*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

27.08.04 Korrispondenza mingħand is-Sur Antoine Farrugia ta' *New Life Bar*, rigward talba għall-organizzazzjoni ta' attività mużikali fil-Pjazza tal-Knisja fil-21 ta' Awwissu 2026, ġiet diskussa mill-Kunsill. Peress li fl-imsemmija data ma hemm l-ebda attività oħra ppjanata fil-lokalità, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba, suġġett għall-ħruġ tal-permessi meħtieġa u l-osservanza tal-kundizzjonijiet applikabbli.

27.08.05 Fir-rigward tal-messaġġ mibgħut mis-Sur Antoine Farrugia ta' *New Life Bar*, il-Kunsill iddiskuta s-suġġett u fakkar li kienet diġà saret laqgħa mas-sidien tal-każini, ristoranti u bars fil-Pjazza sabiex jiġu regolarizzati l-permessi meħtieġa għall-użu ta' mwejjed u siġġijiet fit-triq, fejn ingħatalhom ċans sal-aħħar ta' Ġunju 2026 sabiex jagħmlu dan. Ġie mfakkar ukoll li l-Kunsill kien offra anke assistenza legali fejn meħtieġ. Madankollu, is-Sindku ikkonkludiet li, fin-nuqqas tal-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti, il-Kunsill ma jistax jerfa' responsabbiltà għall-użu tat-triq għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet mingħajr tali permessi. Il-Kunsillieri preżenti qablu u ħadu nota ta' dan.

**27.09 Ilmenti u Suġġerimenti**

27.09.01 Il-Viċi Sindku ta aġġornament dwar il-funtana fil-Ġnien tal-Mentna u rrefera għall-intervent li sar sabiex tiġi indirizzata *water leak* permezz tal-applikazzjoni ta' *liquid membrane* fil-vaski, wara li dawn ġew imnaddfa, imbattla u mnixxfa mill-ħaddiema tal-Kunsill. Intqal li l-prodott applikat ma kienx trasparenti iżda ta' kulur abjad, u b'hekk għatta l-mużajk eżistenti. Is-Sindku staqsiet għaliex ma ntużax prodott trasparenti, filwaqt li s-S.E. spjegat li l-ordni kienet saret għal *liquid membrane* kif mitlub, u wara verifika ma' żewġ *suppliers* ġiet infurmata li dan il-prodott huwa disponibbli biss bil-kulur, filwaqt li l-aktar prodott adattat għall-każ tagħna kien *silicone* għall-madum. Intqal ukoll li sar tentattiv sabiex il-*liquid membrane* applikat jitneħħa, iżda mingħajr suċċess. Wara diskussjoni, il-Kunsillieri qablu li jintalbu stimi għat-twaħħil ta' madum ġdid fuq il-mużajk eżistenti li hemm fil-vaski, bil-

madum jintgħażel mill-Kunsill, kif ukoll għat-tneħħija tad-dawl eżistenti mill-qiegħ tal-vaski u l-installazzjoni tiegħu mal-ġnub tal-vaski, inkluż il-fittings kollha meħtieġa. Is-S.E. enfasizzat li kwalunkwe talba għal stimi għandha tkun bbażata fuq speċifikazzjonijiet ċari sabiex jiġu evitati nuqqas ta' ftehim matul il-proċess. Il-Kunsillieri qablu u ħadu nota.

27.09.02 Il-Viċi Sindku ressaq talba f'isem sid ta' garaxx fi Triq il-Franka sabiex isiru *double yellow lines* ta' metru fuq kull naħa tad-daħla tal-garaxx, bil-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess, peress li l-vetturi pparkjati fil-viċin qed jostakolaw il-manuvrar. Is-Sindku spjegat li kienet infurmata li din il-parti tat-triq kienet privata, iżda peress li t-triq ġiet asfaltata minn *Infrastructure Malta*, issa qed titqies bħala triq pubblika u għalhekk tali marki jistgħu jiġu applikati. Wara diskussjoni, ġie miftiehem li l-Kunsill jistenna li *IM* tlesti l-marki tat-triq qabel tittieħed kwalunkwe azzjoni, peress li l-marki mitluba jistgħu jiġu inklużi fl-istess intervent. Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota.

27.09.03 Il-Kunsillier Ghigo ressaq ilment dwar ħofra perikoluża fi Triq l-Imterrqa. Is-Sindku fakkret li din it-triq kienet diġà ssemmiet aktar kmieni matul il-laqgħa u li bħalissa qed tiġi mistennija stima sabiex isiru xogħlijiet ta' *extensive patching*. Is-S.E. talbet lill-Kunsillier Ghigo jgħaddilha r-ritratt tal-ħofra sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill ikunu jistgħu jwettqu tiswija temporanja bil-*cold asphalt*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**27.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/27**

27.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/27 ġiet approvata.

**27.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

27.11.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:50 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2026 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tlieta 14 ta' Lulju 2026.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |